**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**V**

**OMISSIS**
**JEREMY JAMES FARRUGIA**
**NEIL CARL FARRUGIA**

**Illum, 20 ta' Mejju, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JEREMY JAMES FARRUGIA** ta’ sbatax il-sena, bin Emanuel u Catherine nee Saydon, imwieled Pieta nhar l-hdax ta' Novembru, 1984 u joqghod 35, Triq Santa Marija, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 558384M u **NEIL CARL FARRUGIA** ta' dsatax il-sena, bin Emanuel u Catherine nee Saydon, imwieled Pieta nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju, 1982 u joqghod 35, Triq Santa Marija, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 347982M, gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer nhar s-sebgha ta' April, 2000 u matul x-xhur ta' qabel din d-data, b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-

istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. matul l-lejl ta' bejn s-sitta ta' April, 2000 u s-sebgha ta' April, 2000, waqt li kienu f'H'Attard, kkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Morris 1100 bin-numru ta' registrazzjoni DAN 906, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Leonard Grech minn H'Attard;

2. talli fl-istess data, waqt li kienu f'B'Kara, f'xi hin bejn s-siegha ta' filghodu u s-saghtejn ta' filghodu kkommettew serq ta' oggetti fosthom kwantita ta' fliexken ta' xorb alkoholiku mill-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket', liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket', huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin;

3. talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkommettu serq ta' oggetti mill-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket', wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema serq li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin, ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket', liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom;

4. talli matul il-lejl ta' bejn l-wiehed u tletin ta' Marzu, 2000 u l-ewwel ta' April, 2000 kkommettew serq ta' oggetti fosthom kwantita ta' fliexken ta' xorb alkoholiku mill-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket', liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin;

5. talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hamsin lira

maltin izda ma teccedix l-hames mitt lira maltin, ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket';

6. talli **Jeremy James Farrugia wahdu**, matul il-lejl ta' bejn t-tmienja w ghoxrin ta' Marzu, 2000 u d-disgha w ghoxrin ta' Marzu, 2000, waqt li kien f'B'Kara, kkommetta serq ta' oggetti fosthom kwantita ta' fliexken ta' xorb alkoholiku mill-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket', liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket',

7. kif wkoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin izda ma teccedix l-hames mitt lira maltin, ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket',

8. lil **Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia** talli f'dawn il-Gzejjer nhar s-sebgha ta' April, 2000 u matul ix-xhur ta' qabel din d-data, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu sabiex jbieghuhom jew jmexxuhom, liema hwejjeg misruqa gejjin minn serq kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin;

9. talli matul l-lejl ta' bejn s-sitta ta' April, 2000 u s-sebgha ta' April, 2000, waqt li kienu f'B'Kara f'xi hin bejn s-siegha ta' filghodu u s-saghtejn ta' filghodu, voluntarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin izda ma teccedix l-hames mitt lira maltin, ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket';

10. lil **Jeremy James Farrugia wahdu** talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel

offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku u cioe s-Surgent 1377 Emanuel Cilia waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.;

11. lil **Jeremy James Farrugia u lil Neil Carl Farrugia** talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti f'dagha;

a. lil **Neil Carl Farrugia wahdu** talli matul l-lejl ta' bejn s-sitta ta' April, 2000 u s-sebgha ta' April, 2000, f'dawn il-Gzejjer saq il-vettura tal-ghamla Morris 1100 bin-numru ta' registrazzjoni DAN 906 minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta dwar r-riskji ta' terzi persuni;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond l-ligi tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan ta' Neil Carl Farrugia ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Illi ***b'sentenza moghtija nhar t-tmintax ta' Ottubru, 2001*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Abela, Jeremy James farrugia u Neil Carl Farrugia**, il-Qorti kienet sabet lil **Neil Carl Farrugia** ***hati tal-akkuza ta' serq bl-aggravju tal-valur, tal-hin, tal-vjolenza, tal-mezz, tan-natura tal-haga misruqa u ta' hsara voluntarja u mhux hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni u talli saq vettura meta ma kienx kopert b'polza tas-sigurta minn liema akkuzi lliberatu*** filwaqt li sabet lil **Jeremy James Farrugia** ***hati tar-reat ta' serq kontinwat bl-aggravju tal-hin, tal-mezz, tal-valur, tal-vjolenza u mhux hati tar-reat ta' ricettazzjoni, ingurja jew theddid lil Ufficjal Pubbliku w attakk u resiztenza fuq Ufficjal Pubbliku u talli huwa recidiv, minn liema akkuzi lliberatu***.

**Dwar il-piena il-Qorti kienet illiberat lil imputat Neil Carl Farrugia bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza u cioe mit-tmintax ta' Ottubru, 2001 u konsegwentement poggietu taht s-supervizjoni tas-Senior Probation Officer Mariella Camilleri** li kellha tinforma lil Qorti dwar l-andament tieghu, filwaqt li lil **Jeremy James Farrugia kienet ikkundannatu piena karcerarja ta' sena sospiza ghal perjodu ta' sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li joqghod taht s-supernizjoni kontinwa tas-Senior Probation**

**Officer Mariella Camilleri ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza u cioe mit-tmintax ta' Ottubru, 2001.**

**Illi z-zewg probationers Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia kienu ffirmaw ordni ta' probation moghtija lilhom ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta** (vide fol 458 u 459 tal-atti odjerni.)

Illi fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar, 2002 l-Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri ppresentat zewg noti fir-Registru ta' din il-Qorti fejn infurmat lil istess Qorti li l-probationers Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia ma kienux qed joqghodu ghad-direttivi moghtija mill-istess Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri sabiex tigi assigurata r-riabilitazzjoni taghhom.

Illi l-Qorti ordnat li din in-nota tigi kommunikata liz-zewg probationers Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia u minn ezami tal-atti jirrizulta li huma gew notifikati nhar l-ewwel ta' Marzu, 2002 personalment meta ilpurtier tal-Qorti Victor Agius tahom kopja tan-nota w d-digriet tal-istess Qorti.

Illi dan nonostante iz-zewg probationers Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia ma ppresentawx risposta ghal dan r-rikors.

Illi fis-seduta tal-hamsa ta' Marzu, 2002 iz-zewg probationers Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia dehru assistiti minn Dottor Chris Soler w iddikjaraw li ma jridux joqghodu taht l-ordni tal-Probation Officer Mariella Camilleri u li jixtiequ li jmorru l-habs.

Illi fit-tnax ta' Marzu, 2002 deheru z-zewg probationers Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia w il-Qorti giet nfurmata b'mod verbali li huma jixtiequ li jintbaghtu l-habs ghaliex ma jridux "s-sikkatura ta' Probation Officer".

Illi fl-erbgha ta' April, 2002 deheru z-zewg probationers Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia kif wkoll l-Probation Officer Mariella Camilleri li xehdet u stqarret li z-zewg probationers Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia m'ghamlux progress, li ma jridux joqghodu ghal ordnijiet taghha u li diga ppakkjaw il-hwejjeg taghhom biex jmorru l-habs.  In oltre nfurmat lil Qorti li huma qed jghixu hajja ombruza u qed jghamluha ma terzi persuni noti fil-hajja tal-kriminalita.

Il-Qorti ghalhekk wara li semghet lil thoss Probation Officer Mariella Camilleri u rat l-artikolu 8(2) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta li din l-ordni ta' probation mhux qed jkollha l-effett desiderat u li z-zewg probationers Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia ma tghallmux jizufruwixxu minn din l-opportunita moghtija lilhom mill-Qorti.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li qed ssib lil NEIL CARL FARRUGIA u lil JEREMY JAMES FARRUGIA hatja talli kisru l-ordni tal-probation u qed tikkundannhom ghal piena ta' prigunerija ta' erbatax (14) il-xahar.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**